

# BALLU LETTERARJU

**Imħejji minn:** Krystyna Rózga
**Età tal-parteċipanti:** 7 – 10 snin
**Ħin meħtieġ biex jitwettqu l-attivitajiet:** 3 sigħat

### Objettivi ġenerali:

- Li jinħolqu assoċjazzjonijiet pożittivi mal-letteratura
- Li jiġu integrati u msaħħa r-relazzjonijiet bejn il-parteċipanti
- Li tittejjeb il-kreattività u l-immaġinazzjoni

### Objettivi speċifiċi:

- Attività f'tim
- L-użu ta' elementi mill-insiġ ta' rumanz għal-logħob u r-rappreżentazzjoni fl-attivitajiet

### Metodi:

- Rutini taż-żfin
- Attivitajiet fiżiċi

### Kliem ewlieni:

Letteratura, kotba, festi taż-żfin, logħob tematiku, ballu tal-karnival
Materjali:

- tagħmir għar-riproduzzjoni tal-mużika
- kutri – tnejn għal kull grupp ta' 10 persuni (I.c.)
- folja karta (I.e.)
- ammont ta' siġġijiet daqs il-parteċipanti (II.a.)
- folji b'lista ta' mistoqsijiet għall-parteċipanti (II.b.)
- folji b'karattri miktuba biex isibuhom u xi ħaġa biex twaħħalhom ma' dahar il-parteċipant (II.c.)

## I. RUTINI TAŻ-ŻFIN

### a) Iffriża

Il-faċilitatur jagħżel minn fost il-karattri suwed li jistgħu jagħmlu l-maġija mill-kotba favoriti tal-parteċipanti. Pereżempju: Is-Saħħara l-Bajda minn "The Chronicles of Narnia", xi ħadd minn "Harry Potter", eċċ.

Il-parteċipanti jiżfnu mal-mużika, u meta din tieqaf, kulħadd jissaħħar — jitqabbel il-karattru magħżul: jinbidel f'ġebla, isir it-tisħir bil-Petrificus Totalus, eċċ. Kulħadd irid jiffriża f'postu, bħallikieku ntlaqat minn xi seħer. L-antidotu huwa li terġa' tibda ddoqq il-mużika. Il-logħba tiġi ripetuta diversi drabi.

### b) L-Għanqbuta Maġika tal-Qari

Hekk kif iddoqq il-mużika, il-maġija tal-qari tinfirex madwar il-kamra — tibda billi żewġ persuni jżommu jdejn xulxin li jippruvaw jaqbdu u jinkludu aktar parteċipanti. Meta wieħed mill-parteċipanti jintmess, jingħaqad mal-par, u jaqbad ukoll id persuna oħra, sabiex il--firxa tagħhom tikber. Jifforma network ta' tliet persuni, erba' persuni u dejjem jiżdied. Il-parteċipanti jippruvaw jaħarbu mix-xibka, iżda fl-aħħar ix-xibka tant hija twila li tista' tinkludi lil dawk kollha li għadhom ma nqabdux.

### c) Tellieqa tar-Rilej tal-Eroj

Il-parteċipanti tal-ballu jinqasmu fi gruppi ta' 10. Iċ-ċavetta għat-tqabbil tista' tkun kostumi simili, xi karatteristiċi komuni relatati mat-travestimenti, jew sempliċement l-għażla tat-tfal stess.

Kull grupp jinqasam fi gruppi ta' ħames persuni; grupp wieħed ta' ħamsa jmur fnaħa waħda tal-kamra, l-ieħor imur in-naħa l-oħra. Il-kompitu hu li jieħdu lil xulxin minn tarf sa tarf ieħor b'vettura maġika (din tista' jkun karru, tapit li jtir, xkupa maġika, pegasus — xierqa għall-interessi letterarji tat-tfal). In-naħa tal-lemin tibda: persuna waħda tiġbed oħra fuq kutra; dik li qed tinġibed toqgħod bilqiegħda waqt li tgeżwer il-kutra b'saqajha u żżommha b'idejha.

Il-persuna li tkun inġibdet tmur fit-tarf tal-kju u tkun l-aħħar persuna li tiġbed.

Il-persuna li tiġbed issa hija dik li qed tinġibed; b'dan il-mod, kull parteċipant ikun il-forza li tmexxi kif ukoll ir-rikkieb.

It-timijiet jikkompetu kontra xulxin; jirbaħ it-tim li jirnexxilu jittrasporta l-parteċipanti kollha minn tarf għall-ieħor tal-kamra l-aktar malajr.

### d) Żjara f'Dinjiet Differenti

Il-parteċipanti jingħaqdu f'pari u jibdew jiżfnu flimkien mal-mużika. Meta l-mużika tieqaf, jeħtieġ li jsibu sieħeb ieħor malajr. Dan jiġi ripetut diversi drabi, u l-parteċipanti jaċċertaw ruħhom li jiżfnu ma' xi ħadd differenti kull darba.

### e) Vjaġġ bid-Dgħajsa

Il-faċilitatur jagħżel rumanz li fih il-karattri vvjaġġaw bil-vapur. Jista' jkun "The Voyage of the Dawn Treader", "Around the World in Eighty Days", "Peter Pan", u kwalunkwe rumanz ieħor li fih vjaġġ bid-dgħajsa.

Il-parteċipanti joqogħdu fnofs il-kamra, bil-faċilitatur fuq pjattaforma mgħollija. Il-faċilitatur ikollu folja karta A4 f'idejh, taparsi gverta. Meta l-faċilitatur imejjel il-karta lejn naħa waħda, il-parteċipanti jagħmlu bħallikieku qed jiġri fl-art taħt saqajhom; inklinazzjoni lejn ix-xellug tfisser li kulħadd jinġibed lejn ix-xellug mill-forza tal-gravità, inklinazzjoni lejn il-lemin tim-bottahom lejn il-lemin.

Il-folja tista' titbandal, taqbeż, titla' u taqa' 'l isfel, titgħawweġ 'il fuq, 'l isfel, lejn ix-xellug, lejn il-lemin...

Waqt li jkun qed juri, il-faċilitatur jinseġ storja, billi jenfasizza l-mumenti tal-biża' tat-tbandil, preferibbilment billi juża l-għarfien tat-trama tar-rumanz li minnu ttieħdet l-idea.

## II. LOGĦOB INTRODUTTORJU

### a) Speed date

Is-siġġijiet huma rranġati f'ċrieki fil-kamra: xi siġġijiet b'daharhom ma' xulxin, xi siġġijiet iħarsu lejhom; għandhom jiġu ffurmati żewġ ċrieki, wieħed ġewwa u wieħed barra. Jekk ikun hemm ħafna parteċipanti, għandhom jitwaqqfu diversi ċrieki bħal dawn sabiex kull parteċipant ikollu post fejn joqgħod. Ċirku wieħed għandu jakkomoda gruppi mhux akbar minn 10–12-il persuna — grupp li jkun kbir wisq iwassal biex il-logħba ddum wisq.



*(Ir-romboidi suwed huma ċ-ċirku ta' ġewwa; dawk ikkuluriti huma ċ-ċirku ta' barra. L-ispazji mmarkati b'tikka huma dawk tal-kelliema.)*

Il-parteċipanti jieħdu posthom u l-persuna fiċ-ċirku ta' ġewwa tgħid lill-persuna fiċ-ċirku ta' barra dwar il-kostumi tagħhom, jiġifieri, il-ktieb/eroj li ispirahom. Għandhom 60 sekonda. Wara li jispiċċa l-ħin, il-faċilitatur iħabbar bidla u n-nies fiċ-ċirku ta' barra jibdlu posthom, u jiċċaqilqu post wieħed lejn il-lemin.



*(Il-vleġeġ jindikaw id-direzzjoni tal-bidla tan-nies fiċ-ċirku ta' barra.)*

Issa, iċ-ċirku ta' barra jitkellem dwar il-travestimenti tagħhom u l-ispirazzjoni għall-għażla.



*(L-ispazji mmarkati b'tikka huma dawk tal-kelliema.)*

L-attività tiġi rrepetuta sakemm dawk fiċ-ċirku ta' barra jirritornaw fil-post tal-bidu tagħhom.

### b) Sib Nies fuq il-Lista

It-tħejjija ta' din il-logħba teħtieġ li tkun taf il-kostumi tal-parteċipanti; dan jista' jsir jew qabel jew waqt l-avveniment.

Kull parteċipant jingħata lista bil-karatteristiċi u l-esperjenzi tal-karattri letterarji. Fi żmien speċifikat (il-ħin jiddependi min-numru ta' parteċipanti), il-parteċipanti jduru u jistaqsu mistoqsijiet lil xulxin sabiex isibu nies li huma lebsin tal-karattri li jaqblu mad-deskrizzjoni.

Persuna waħda tista' tiġi rreġistrata b'attribut wieħed biss, anke jekk jaqbel ma' diversi punti. Lista kampjun ta' karatteristiċi:

- karattru li kien jaf juża l-maġija
- karattru li seta' jafda lil sieħbu
- karattru li ġej minn pajjiż ieħor
- karattru li kellu annimal tad-dar
- karattru li ġie minn dinja tal-fantasija
- karattru li kien tifla
- karattru li kien tifel
- karattru li kellu setgħat maġiċi
- karattru li għamel affarijiet tad-daħk
- karattru li, waqt il-logħba, ikollu lil xi ħadd mid-dinja tiegħu preżenti fil-kamra
- karattru li għeleb il-forzi tal-ħażen

Il-logħba tintemm wara l-ħin allokat u l-faċilitatur jiċċekkja kemm nies irnexxielhom jimlew il-lista sħiħa f'dak il-ħin.

### c) Min hu l-Ħabib Letterarju Tiegħi?

Il-logħba tibda bil-ħolqien ta' lista ta' kostumi; kull parteċipant jista' inizjalment iħabbar ta' min hu liebes.

Meta tibda l-logħba, titwaħħal kard ma' dahar kull parteċipant b'karattru każwali li xi ħadd ieħor ikun liebes, b'tali mod li l-parteċipanti ma jkunux jafu min hu l-ħabib letterarju tagħhom. Il-parteċipanti jistgħu jistaqsu mistoqsijiet ta' IVA jew LE. Il-kompitu hu li wieħed jaqta' mill-ħjiel min hu l-ħabib letterarju u jsibu. Il-parteċipanti jiċċirkolaw madwar il-kamra u jista-

qsu lil kulħadd għad-dettalji biex jgħinu jidentifikaw min ikun miktub fuq il-folja tal-karta mwaħħla ma' daharhom. Meta parteċipant jaqta' min ikun ġie assenjat lilu, jitlob lill-persuna li tkun b'dak it-travestiment biex tneħħi l-kard minn fuq dahru.

## MODIFIKAZZJONI

Tista' tqabbel il-parteċipanti f'pari sabiex ifittxu lil xulxin. Pereżempju, Harry Potter irid isib lil Gandalf, u Gandalf irid isib lil Harry Potter. Fi tmiem il-logħba, il-pari li jkunu sabu lil xulxin b'dan il-mod jistgħu jiżfnu flimkien.